*NULLITA' TA' TESTMENT*

*XHIEDA*

*ARTIKOLU 40 (1) (E) TAL-KAP 55 TAL-ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI*

*(KAP 55 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

*ARTIKOLU 655 TAL-KODICI CIVILI*

*FORMALITAJIET AD VALIDITATEM*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2019

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Guramentat Numru : 267/2016/LSO**

**Josephine sive Joyce Dimech [K.I. 379262(M)]**

**vs**

**Pasqualino sive Lino Chircop [K.I. 352865(M)]**

**KOMUNIKA: Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Josephine sive Joyce Dimech [K.I. 379262(M)] datat 1 ta' April 2016 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Josephine sive Joyce Dimech iddikjarat u kkonfermat:

Illi l-attrici u l-konvenut huma wlied tad-defunta Cetta Chircop detentrici tal-karta tal-identita` 0653336(M) li mietet nhar it-13 ta' Novembru 2015, kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness Dok FGI.

Illi l-eredita' taghha hija regolata permezz ta' zewg testmenti *unica charta* in atti Nutar Mary Grech Pace tat-12 ta' Mejju 1999 u in atti Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar 2015, kopja tal-istralci tal-istess huma hawn annessi Dok FG2 u Dok FG3 kif ukoll kopja tar-ricerki testamentarji tal-mejta Cetta Chircop huma annessi Dok FG4 u Dok FG5.

Illi skont l-istess testmenti, il-kontendenti gew nominati eredi universali tal-istess decujus.

Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir id-divizjoni tal-eredita' tal-mejta Cetta Chircop.

Illi jirrizulta li l-intimat Pasqualino sive Lino Chircop qieghed jappropja ghalih flejjes u qieghed jaghmel uzu minn proprjeta' formanti parti mill-istess eredita'.

Illi z-zewg partijiet gew moghtija donazzjonijiet mill-istess decujus tul hajjitha liema donazzjonijiet ma gewx ezentati mill-kollazzjoni *ai termini* tal-istess testmenti u ghalhekk hemm lok li fl-istess ezercizzju ta' divizjoni issir kumpensazzjoni mill-intimat a favur ir-rikorrenti sabiex issir divizjoni ekwa u in konformita' mal-ligi bejn il-kontendenti.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

1. Tiddikjara li l-kontendenti huma l-eredi universali tad-decujus Cetta Chircop detentrici tal-karta tal-identita` 0653336(M) li mietet nhar it-13 ta' Novembru 2015.

2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, il-massa ereditarja tal-istess decujus Cetta Chircop.

3. Tiddividi, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-istess massa ereditarja f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti u taghti dawk l-ordnijiet u direttivi necessarji u opportuni sabiex titwettaq tali divizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata ta' Pasqualino sive Lino Chircop (352865M) datata 4 ta' Mejju 2016 (fol 26) fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu ddikjara li jaf personalment:

1. Preliminarjament, il-karenza ta' interess guridiku tal-attrici fit-talbiet proposti minnha billi l-attrici giet dizereditata ghal ragunijiet serji validi fil-ligi bit-testment principali ta' ommha Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999; filwaqt li t-tesment modifikattiv tal-istess Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null u ma jiswiex, kif jinsab spjegat ahjar fit-talbiet rikonvenzjonali tal-eccepjent.

2. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-intempestivita' tal-azzjoni attrici in kwantu diretta biex l-attrici tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja li l-eccepjent huwa eredi ta' ommu Cetta Chircop, billi l-eccepjent ghadu jrid jikkunsidra jekk jaccetta l-wirt tal-istess ommu jew jirrinunzjax ghalih, wara li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-talba rikonvenzjonali tieghu.

3. Fil-mertu u f'kull kaz, in kwantu diretta biex tottjeni dikjarazzjoni li hija eredi ta' ommha Cetta Chircop, l-ewwel talba attrici hija minghajr fondament legali u ghandha tigi michuda bl-ispejjes, billi hija giet dizereditata mill-istess ommha ghal ragunijiet serji hafna stipulati fil-ligi bit-testment principali taghha pubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999, liema dizeredazzjoni dahlet fis-sehh mal-mewt tal-istess Cetta Chircop *stante* li s-successjoni taghha hija regolata biss bl-imsemmi testment.

4. Konsegwentement u f'kull kaz, anke l-bqija tat-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-**Kontro-Talba** ta’ Pasqualino sive Lino Chircop ipprezentata mar-risposta guramentata li ggib id-data 4 ta’ Mejju 2016 a fol 26 tal-process fejn espona :

Illi l-esponent eccepjent qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talba u ghalhekk jippremetti u bil-gurament tieghu jiddikjara li jaf personalment:

Illi l-eccepjent konvenut u l-attrici rikonvenzjonata huma ahwa, ulied Victor Chircop u l-mejta Cetta Chircop nee Xuereb.

Illi Cetta Chircop mietet flt-13 ta' Novembru 2015; u mir-ricerki testamentarji taghha jidher li kienet ghamlet b'kollox tliet testmenti *unica charta*, tnejn fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tal-15 ta' Mejju 1995 u tat-12 ta' Mejju 1999, u l-iehor fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar 2015.

Illi bit-testment taghha tat-12 ta' Mejju 1999, Cetta Chircop hassret it-testment precedenti taghha, halliet b'titolu ta' legat favur zewgha l-uzufrutt generali ta' gidha, ezentat lill-eccepjent mill-obbligu li jikkonferixxi fil-qasma tal-wirt dak kollu soggett ghall-kollazzjoni u l-imputazzjoni, u nnominat

lill-eccepjent wahdu bhala eredi universali taghha, filwaqt li ddizeredat lill-attrici rikonvenzjonata u lil uliedha fit-termini tal-art. 622 u 623 tal-Kodici Civili.

Illi bit-testment taghha tat-13 ta' Frar 2015, Cetta Chircop innominat b'werrieta taghha lill-eccepjenti u lill-attrici rikonvenzjonata, obbligathom jikkonferixxu lura fil-massa ereditarja dak soggett ghall-kollazzjoni, u ddikjarat ukoll li s-self li hi u zewgha kienu hadu minghand l-eccepjent kien saldat u li l-artijiet li nxtraw f'Haz Zebbug fil-fatt kienu jappartjenu lilha u lil zewgha.

Illi l-imsemmi testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, minhabba li fost ohrajn ma jidhirx li gie pubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda, u f'kull kaz huwa nieqes minn htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li t-testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu, u konsegwentement null u ma jiswiex.

BI-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Josephine sive Joyce Dimech [K.I. 379262(M)] datata 10 ta' Gunju 2016, (fol 31)

ghall-**Kontro-Talba** ta' Pasqualino sive Lino Chircopipprezentata nhar l-4 ta' Mejju 2016 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha ddikjarat li s-segwenti fatti tafhom personalment:

1. Illi preliminarament l-azzjoni rikonvenzjonali mressqa minn Pasquallno sive Lino Chircop hija nulla in kwantu r-risposta tieghu ghar-rikors guramentat mressaq mill-esponenti hija nulla ghaliex ma tissodisfax ir-rekwiziti *ad validitatem* stipulati mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza ghandu jigi dikjarat fi stat ta' kontumacja u quindi l-azzjoni rikonvenzjonali tieghu hija nulla in kwantu l-ezistenza u s-sussistenza taghha tiddependi necessarjament fuq il-fatt li jkun ipprezentat att validu sabiex jilqa' ghat-talbiet imressqa fil-konfront tieghu fir-rikors guramentat promutur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Pasqualino sive Lino Chircop hija intempestiva u fi kwalsiasi kaz l-istess Paqualino sive Lino Chircop m'ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jippromovi tali azzjoni u dan fid-dawl tat-tieni eccezzjoni mqajma mill-istess Pasqualino sive Lino Chircop fir-risposta guramentata tieghu tal-4 ta' Mejju 2016 ghar-rikors guramentat promutur;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba rlkonvenzjonali ta' Pasqualino sive Lino Chircop hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li din it-talba hija minghajr fondament guridiku u fattwali u intiza biss biex tilqa ghat-talbiet tal-esponenti fir-rikors guramentat promotur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-testment ippublikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa validu fil-ligi kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza;

5. Illi minghajr pregudlzzju ghas-suespost I-intimat Pasqualino sive Lino Chircop fl-azzjoni rikonvenzjonali tieghu jiddikjara *'Illi I-imsemmi testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, minhabba li-fost l-ohrajn ma jidhirx li gie Pubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda, u f'kull kaz huwa nieqes minn htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita` tieghu."* minghajr ma jindika jew jaghti hjiel ta' x'inhuma I-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita' tieghu li huma mankanti fit-testment minnu ndikat. Ghalhekk fl-ewwel lok I-intimat Pasqualino sive Lino Chircop ghandu jiddikjara b'mod immedjat x'inhuma dawn il-htigijiet rikjesti bil-ligi u li huma mankanti u fit-tieni lok I-esponenti qieghda tirriserva d-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-intimat jaghmel tali dikjarazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra I-intimat Pasqualino sive Lino Chircop li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 2016 (fol 42) fejn meta ssejhet l-kawza dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom. Xehdu bil-gurament taghhom Joyce Dimech, in-Nutar Dr Keith German, Victor Bonnici, Antoinette Bonnici, Silvan Pace u n-Nutar Pierre Falzon,

liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri qablu li l-provi li jingabru f' din il-kawza jghoddu wkoll ghall-kawza Cit.Nru. 867/2016. Dr Franco Galea ghadda ruhu b' notifikat bil-kontro-talba u kellu ghoxrin (20) gurnata ghar-risposta minn meta jircievi kopja minn ghand id-difensur tal-intimat. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Jannar 2017 fin-12:30pm.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 16 ta' April 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet debitament assistiti. Id-difensuri prezenti: Dr Pawlu Lia u Dr Franco Galea, trattaw il-kontro-talba, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal sentenza fuq il-kontro-talba tal-intimat ghas-27 ta' Gunju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza dwar it-talbiet rikonvenzjonali maghmula mill-konvenut fejn isostni li t-testment ta' Cetta Chircop ippubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, minhabba, li fost ohrajn, ma jidhirx li gie ppubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda u huwa nieqes mill-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita` tieghu.

Josephine Dimech laqghet ghat-talba rikonvenzjonali billi sostniet li l-azzjoni rikonvenzjonali hija intempestiva, u li t-

talba m'ghandhiex fundament guridiku u fattwali, *stante* li t-testment ippubblikat min-Nutar Pierre Falzon datat 13 ta' Frar 2015 huwa validu. Inoltre`, gie sottomess, li ma gewx indikati il-htigijiet rikjesti bil-ligi li huma allegatament mankanti fl-imsemmi testment.

Ikkunsidrat li t-talbiet tar-rikorrenti fil-kaz odjern, huma ghad-divizjoni u likwidazzjoni tal-massa ereditarja tad-decujus Cetta Chircop bejn il-kontendenti bhala eredi taghha, b'kull direttiva opportuna ghall-fini ta' tali divizjoni.

Ghal dawn it-talbiet tar-rikorrenti, gie eccepit fil-mertu, li l-ewwel talba hija infondata *stante* li Josephine Dimech kienet giet dizereditata mill-istess ommha ghal ragunijiet serji stipulati fit-testment ppubblikat min-Nutar Mary Grech Pace fit-12 ta' Mejju 1999.

**<u>Fatti:</u>**

Id-defunti konjugi Cetta Chircop u Victor Chircop kellhom zewg ulied, il-kontendenti f'dan il-kaz. Il-konjugi Chircop, kienu irregolaw il-wirt taghhom b'testment *unica charta* datat 12 ta' Mejju 1990 u testment iehor datat nhar il-15 ta' Mejju 1995, fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace, fejn Josephine Grech kienet giet dizereditata ghar-ragunijiet hemmhekk specifikati fl-istess testment.

Sussegwentement, jirrizulta li l-konjugi Chircop kienu ghamlu testment iehor *unica charta* fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon datat it-13 ta' Frar 2015. Difatti stralci taz-zewg

testmenti hawnhekk imsemmija jinsabu esebiti bhala Dok FG2 u Dok FG3, u r-ricerki testamentarji bhala Dok FG4 u Dok FG5. Illi f'dan il-kaz, kopja awtentikata tat-testment datat 13 ta' Frar 2015 giet esebita bhala Dok KG1 (fol 68 *et sequens*). Kif jirrizulta mill-konferma tax-xhieda tan-Nutar Pierre Falzon stess, hu rrinunzja ghall-*warrant* ta' nutar b'sehh mill-20 ta' Ottubru 2015. Difatti l-atti huma kustoditi min-Nutar tal-Gvern li kien hu li xehed u esebixxa d-dokument. Jirrrizulta li Cetta Chricop mietet fit-13 ta' Novembru 2015 kif jidher mic-certifikat tal-mewt esebit Dok FG1. Sussegwentement miet Victor Chircop fis-6 ta' Settembru 2016, kif jidher mic-certifikat tal-mewt esebit Dok FG1 fil-kaz 867/2016.

**<u>Provi:</u>**

Illi gie verbalizzat[1] li l-provi li qed jingabru f'din il-kawza jghoddu wkoll ghal-kawza 867/2016 fl-istess ismijiet.

**Joyce Dimech** xehdet (fol 43-48)[2] u qalet, li hi tat it-testment ta' ommha lill-avukat Galea meta nfetah dan il-kaz. Semmiet li l-genituri taghha ghamlu zewg testmenti, u saret taf meta saru r-ricerki. Ziedet tghid li kienet taf li missierha ried ibiddel it-testment ghax kien qalilha, ghalhekk kien sar kuntatt man-Nutar Mariella Mizzi, ghaliex hi kienet in-nutar involuta fid-donazzjonijiet meta missierha kien ta donazzjonijiet. In-nutar kienet infurmat lil missierha li jrid imur ma' martu biex ibiddel it-testment u ghamlu appuntament iehor. Sussegwentement, billi n-Nutar Mariella

[1] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.
[2] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.

Mizzi qaltilha li ma setghetx taghmel it-testment, minflok gabitlu lin-Nutar Pierre Falzon. Hi kienet gja tafu lin-Nutar Falzon ghaliex hi u zewgha kienu hadmu bih.

Qalet li hi ma kinitx infurmata x'ghamel missierha fit-testment. Hi kkonfermat li kienu ghamlu zmien hi u l-genituri ma jitkellmux minhabba tixwix. Mistoqsija kienx hemm kawzi ohrajn il-Qorti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, specifikatament fuq swat qalet li fuq swat le. Qalet li meta gie n-Nutar Pierre Falzon, dan kien gie d-dar tal-genituri taghha fejn kienu hi u l-genituri taghha dakinhar, u malli gie n-nutar qalet li harget il-barra, u n-nutar kien gie b'zewgt irgiel mieghu, li qatt ma kienet rathom qabel.

**In-Nutar Keith German** Direttur u Nutar Principali tal-Gvern, xehed (fol 49-50; fol 77)[3] u esebixxa Dok KG1, kopja awtentika tat-testment tal-konjugi Chircop Dok KG2 u Dok KG3. Spjega li peress li n-Nutar Pierre Falzon irrinunzja ghall-*warrant* tieghu fl-20 ta' Ottubru 2015, b'digriet tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili, gie mahtur konservatur fit-8 ta' Jannar 2016.

**Victor Bonnici** xehed (fol 51-52; fol 75-76)[4] qal li joqghod f'13, Vicant House, Triq il-Harifa, Qormi u wera l-karta tal-identita` f'dan l-indirizz, qal li ilu joqghod hemm 48 sena. Mistoqsi jekk f'dan l-indirizz qattx kien joqghod xi hadd Joseph Muscat, qal li le, zgur li le, ghax dan l-indirizz kien plot bniha hu u baqa' joqghod hemm. Mistoqsi qattx kien prezenti ghal qari ta' testment Tas-Sliema, qal li le. Qal li

[3] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.
[4] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.

wara hamest ijiem li xehed l-ahhar darba fis-seduta qabbdulu d-dar, imbaghad wara dakinhar, xi hamest ijiem wara regghu ghamlulu l-istess haga, qabbdulu l-bieb ta' barra b'xi spirtu, u mbaghad grat ukoll it-tielet darba, u kien ghamel *camera* mal-bieb ta' barra, liema *camera* wriet ragel liebes xalla fuq dahru, qabbadha u tefaghha mal-bieb u hadet vampa nar. Qal li ghamel rapport il-Pulizija u ghadhom jinvestigaw. Spjega li dawn l-incidenti graw biss wara li xehed hu fil-Qorti dwar dan il-kaz, u ma kellu l-ebda inkwiet ma' girien jew persuni ohra.

**Antoinette Bonnici** xehdet (fol 53)[5] u qalet li hi mart Victor Bonnici u toqghod f'numru 13, "Vicant", Triq il-Harifa, Qormi, u wriet il-karta tal-identita` b'dan l-indirizz. Mistoqsija jekk f'dan l-indirizz qattx qaghad xi hadd maghhom Joseph Muscat, qalet li le.

**Silvan Pace** xehed (fol 54)[6] u qal li l-karta tal-identita` u fejn joqghod hu fl-indirizz "Omega Court" Flat 2, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar. Mistoqsi jekk l-indirizz 13, Triq il-Harifa, Qormi jfissirlux xi haga qal li le, u qatt ma kien joqghod hemm. Qal lin-Nutar Pierre Falzon ma jafux u qatt ma mar Tas-Sliema biex ikun xhud ta' testment.

**In-Nutar Pierre Falzon** xehed (fol 55-61)[7] u qal li hu rrizenja minn Nutar fil-15 ta' Ottubru 2015. Semma li lil Joyce Dimech ghamillha estratt tat-testment tal-genituri taghha, u jew hallihulha d-dar jew giet ghalih. Spjega li hi kienet avvicinatu u wrietu xi dokumentazzjoni u ricerki u qaltlu li

[5] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.
[6] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.
[7] Seduta tal-10 ta' Novembru 2016.

missierha ried jaghmel l-affarijiet aktar ugwali bejniethom, wara li kien ta donazzjonijiet kemm lilha u kemm lil huha, u hu kien qalilha li l-ahjar mod ikun b'testment. Qal li ftit zmien wara kien gie nfurmat mir-rikorrenti biex imur fir-residenza tal-genituri taghha biex isir it-testment. Qal li dakinhar kien hemm prezenti it-testaturi u Mrs Dimech. Rigward ix-xhieda qal, li kien 'hemm darb' ohra, kien ra zewg haddiema, wiehed jahdem fl-*aluminium* u l-iehor fil-*gypsum*, u qalilhom li jkollu bzonnhom xi siegha ohra, wrewh l-ID card. Mistoqsi f'liema stadju dahhal ix-xhieda, qal li tellaghhom mieghu u hallewhom jistennew barra. Spjega li x'hin dahal ghamel ghoxrin minuta jkellimhom u jispjegalhom lit-testaturi, imbaghad, beda jikteb, imbaghad sussegwentement iddahhlu x-xhieda li qaghdu warajh jisimghuh jaqra t-testment, u nizzel id-dettalji taghhom kif qalulu huma mhux mill-ID card. Referut ghall-indirizz tax-xhieda, li huwa ta nies ohra, qal li normalment ikun ivverifika d-dettalji mal-ID card. Gie referut ghall-fatt li d-detentur tal-Karta tal-Identita` ghadu kif kien prezenti, xehed, u ma jaf b'xejn dwar dan i-testment qal li hu mhux se joqghod jivvinta. Referut ghal pagna fol 12, qal, li meta gie ttajpjat it-testment immagina li nqabdet ma' testment iehor.

**In-Nutar Mariella Mizzi** xehdet (fol 78-82)[8] u qalet li l-ufficju taghha jinsab Haz Zebbug, u kienet taf lill-konjugi Chircop minhabba divizjoni kbira ta' proprjetajiet li kienet saret. Semmiet li kienu saru xi donazzjonijiet ukoll li kienu ghamlu l-konjugi Chircop. Dwar it-testment qalet li Victor Chircop, imlaqqam *Il-Modi* kien uriha testment fejn kienet giet dizereditata t-tifla tieghu, ghax kien qalilha li kien hemm

[8] Seduta tas-17 ta' Jannar 2017.

incidenti bejniethom u anke sawtuh. Ziedet tghid, li imbaghad f'xi zmien, din it-tifla li kien id-dizereditata kien gie maghha biex jaghmillha xi donazzjoni. Hi kienet staqsietu huwiex cert li jrid jaghmel din id-donazzjoni, kellhom anke certifikat tal-psikjatra. Spjegat li kien qalilha wkoll biex jaghmel testment, izda hi ma kintix hassitha komda minhabba d-diskors li kien ilu jghidilha. Qalet li kienet marret il-funeral ta' Victor Chircop, u nnutat li kien hemm il-prezenza tal-Pulizija.

**Joseph Rivans** in rapprezentanza ta' Identity Malta, xehed (fol 101)[9] . Dwar il-Karta tal-Identita` numru 147653M, qal, li sabu li jirreferi ghall-Bugeja Pawla, hekk jidher fic-CDB, u ID card m'ghandhiex, hemm indikat data tat-twelid 21 ta' Jannar 1953 fiz-Zurrieq. Karta tal-Identita` b'dak in-numru ma tezistix.

**In-Nutar Mary Grech Pace** xehdet (fol 102-103)[10] u esebiet zewg testmenti datati 15 ta' Mejju 1995 u 12 ta' Mejju 1999, testmenti kongunti, immarkati Dok MGP1 u Dok MGP2. Qalet li Victor Dimech xi drabi hadem ghandha, u anke martu. Dawn huma l-unici zewg testmenti li ghamel ghandha. Qalet li kien ha parir legali qabel giet dizereditata bintu fit-testment, u r-raguni qalet li kien qalilha li kien hemm glied kbir ma' bintu ghall-hbata tal-1999.

**Dr. Etienne Muscat** xehed (fol 104-107)[11] u qal li meta gie minn barra minn Malta kienu ghamlulu vista ghal certifikati Victor u Concetta Chircop, u sussegwentement kien ra u

[9] Seduta tal-21 ta' Frar 2017.
[10] Seduta tal-21 ta' Frar 2017.
[11] Seduta tal-21 ta' Frar 2017.

kkura lil Concetta minhabba mard mentali - psikosi. Esebixxa c-certifikati mahruga minnu datati Gunju 2015 u Lulju 2016. Qal li hu kien jaf lil Victor bhala persuna *"sharp"* hafna ghalkemm ma kienx jaf jikteb u jaqra. Qal li f'Gunju 2015 kienet qed taqbdu d-*dementia,* u ghalhekk hu ccertifikah li ghandu jkun interdett, u kienet bdiet taqbdu d-dementia ghall-habta tal-2014.

**In kontro-ezami** qal li dak iz-zmien fl-2014, ma kienx izomm notamenti, u *records*. Ikkonferma li dak iz-zmien li kien hareg dawn ic-certifikati, fl-2015, kien ikkuntatjah it-tifel ta' Victor.

**Brian Flores Martin** xehed (fol 108-109)[12] u qal, li ghall-habta tas-sitta ta' filghodu jew fil-ghaxija fit-30 ta' Marzu 2015, kien mar jara pazjent id-dar, peress li hu kien jahdem il-polyclinic, kien hemm persuna anzjan Chircop u persuna ohra mieghu ibnu, u kellu xi tbengil fuq genbu fejn il-kustilja, u kien hemm inkapacita' mentali biex ix-xhud iwiegeb ghad-domandi tieghu u li l-anzjan ma kienx koerenti.

**Pasqualino Chircop** xehed (fol 121-131)[13] u qal, li ahwa kienu tnejn hu u ohtu. Semma li kien ir-ragel ta' ohtu li beda l-kwistjonijiet meta r-ragel ta' ohtu beda jippretendi l-gid ta' missieru f'hajtu u missieru ma qabilx. Spjega li fis-snin disghin, kien hemm incident fejn anke sawtuh lil missieru, u hemm ir-ritratti Dok LC3 u LC4, u ohtu kienet damet ma tkellimx lil missierha ghal 25 sena. Spjega wkoll li missieru kien joqghod Haz Zebbug, kienu harqulu l-bieb minhabba l-

[12] Seduta tal-21 ta' Frar 2017.
[13] Seduta tat-28 ta' Marzu 2017.

inkwiet ma' Charles Dimech, ir-ragel ta' ohtu, u ommu mbaghad ma riditx toqghod izjed hemm. Semma wkoll li fl-2013 missieru kien beda jbati bid-dementia u gieli hadu l-polyclinic minhabba hekk. Qal li ftit qabel il-mewt ta' ommu kien gie t-tabib jarah u qal li ghandha gimgha hajja, u ohtu kienet gibdet il-flus kif jidher f'Dok LC5, li kienu l-Bank f'isem ommu. Esebixxa wkoll Dok LC6 meta ohtu f'gurnata lil missierha haditlu l-ammont ta' €80,000. Qal li hu ma kienx prezenti ghal ebda testment.

**Josephine Dimech** xehdet (fol 135-148)[14] u qalet, li ahwa huma tnejn hi u huha. Semmiet li missierha kien qal lin-Nutara Mariella Mizzi quddiemha li ried jaghmel testment meta kienu marru ghandha biex missierha ghamillha donazzjoni tal-ghalqa. Ghalhekk, in segwitu missierha qalilha biex issiblu nutar, u sabitlu nutar u hemm certifikati wkoll tal-Psikjatra Joseph Spiteri. Spjegat li dakinhar li gie n-Nutar Falzon id-dar tal-genituri taghha, fethitlu, rat li kien hemm zewgt irgiel barra, u hi harget 'il barra ghal xi saghtejn u nofs fil-hwienet. Qalet li l-irgiel li kienu man-Nutar ma kinitx rathom qabel, kienu lebsin hwejjeg tax-xoghol mahmugin. Mistoqsija dwar id-dementia ta' missierha qalet izda mhux li ma kienx f'sensieh, u ommha wkoll, qalet li kienet f'sensiha sa mewtha. Semmiet li meta l-genituri taghha nehhewha mill-wirt ghax huha kien jghawwihom kontriha. Spjegat li kien inqala' dizgwid u ghamlet xi sittax-il sena ma tkellimx lil missierha, u mbaghad zitha kienet qaltilha li missierha ried ikellimha u reghhet bdiet tmur ghand il-genituri taghha. Qalet li fl-ahhar zmien ta' hajjet ommha u missierha kienu ftehmu li ha jduru bihom it-tnejn, hi u huha, damu tliet xhur jiehdu

[14] Seduta tas-16 ta' Mejju 2017.

hsieb huma imbaghad sabu Filippina. Ziedet tghid, li meta ommha dahlet l-isptar, l-ewwel haditu ghandha, imbaghad meta kienet qed tizboh mar ghand huha, li kien icempillha biex tmur ghalih, u sussegwentement regghet hadet lil missierha ghandha, u meta haditu rat li kellu xi haga f'genbejh u qalilha biex ma tmissux ghax sawtuh, u esebiet Dok PDX. Esebiet ukoll Dok JDX 1 ta' *recording* ta' ghajjat u storbju, li tatha l-Filippina li rrekordjat bil-mobajl taghha, meta huha kien qed jghajjat ma' missierha.

**Il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** (fol 151-157; 166-169)[15] u referut ghal dokumenti a fol 71 u 72 tal-process, u kkonferma l-firma tieghu fuq iz-zewg certifikati, qal li kien ra liz-zewg persuni Concetta u Victor Chircop, dak iz-zmien Victor Chircop kien qed ibaghti minn dipressjoni, izda d-dipressjoni mhijiex raguni ghaliex ma jkollux kapacita' testamentarja. Sabiex janalizza dan ghandu sett ta' hames mistoqsijiet x'jaghmel lill-persuna qabel johrog ic-certifikat. Qal li tal-eta' li kien Victor Chircop aktar milli dementia, tkun '*mild cognitive impairment'*. Qal li Concetta kienet mara partikolari, b'hafna hsibijiet strambi. Hu kien xi drabi jmur jarahom id-dar ghal-visti, u ghandu n-notamenti dwar dan. Hu esebihom bhala Dok JSX. Mistoqsi kienx infurmat li lil Victor Chircop kien rah psikjatra iehor Dr. Etienne Muscat, qal li iva kien jaf.

**Joseph Muscat** xehed (fol 235-237)[16] u qal, li l-karta tal-identita` tieghu hi 45255M, u qed ighix f'61, Il-Bejta, Triq il-Hlas, Qormi. Gie muri t-testment Dok KG1 a fol 68, qal li

---

[15] Seduta tat-12 ta' Ottubru 2017, u Seduta tat-30 ta' Jannar 2018.
[16] Seduta tad-19 ta' Frar 2019.

hu qatt ma kien prezenti ghal dan it-testment bhala xhud, u fl-2015 xogholu kien ta' mastrudaxxa. Qal li ser jaghlaq 40 sena mizzewweg u ilu joqghod f'dan il-fond. Qal li qatt ma kien prezenti ghall-ebda testment. Muri l-firma a fol 3 tal-process, qal li dik mhijex il-firma tieghu, u wera lill-Qorti kif jiffirma fil-karta tal-identita`, u meta mqabblin iz-zewg firem ma jaqblux. Mistoqsi qattx ra lil Francis Azzopardi, x-xhud l-iehor, qal li le qatt ma rah.

**Francis Azzopardi** xehed (fol 238-241)[17] u wara li wera l-karta tal-identita` qal li l-indirizz indikat fuqha hu Triq il-Kus Flat 3, Diamond Rose Qormi, u ilu xi tlettax-il sena jghix f'dik ir-residenza, u n-numru tal-ID hu 250674M. Semma li xogholu jahdem fil-*gypsum*. Mistoqsi qattx kien xhud ghal testment qal iva f'xi drabi iva. Mistoqsi izda, jekk kienx xhud f'testment taz-zewg anzjani konjugi Chircop residenti Tas-Sliema, qal li le. Mistoqsi ghandux idea tas-Sur Joseph Muscat li ghadu kif hareg qal li m'ghandux idea tieghu.

**<u>It-talba Rikonvenzjonali:</u>**

L-intimat Pasqualino Chircop pprezenta kontro-talba, fejn gie premess li b'kollox kienu saru tliet testmenti minn Cetta Chircop, tnejn fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tal-15 ta' Mejju 1995 u tat-12 ta' Mejju 1999, u l-iehor fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tat-13 ta' Frar 2015. Jirrizulta li t-tieni testment imsemmi kien wiehed revokatorju.

Illi Cetta Chircop, permezz tat-testment tat-12 ta' Mejju 1999, hassret it-testment precedenti taghha u halliet b'titolu

[17] Seduta tad-19 ta' Frar 2019

ta' legat favur zewgha l-uzufrutt generali ta' gidha, ezentat lil Pasqualino mill-obbligu li jikkonferixxi fil-qasma tal-wirt dak kollu soggett ghall-kollazzjoni u l-imputazzjoni u nnominat lil Pasqualino Chircop bhala eredi universali filwaqt li ddizereditat lill-attrici rikonvenzjonata u lil uliedha fit-termini tal-art. 622 u 623 tal-Kodici Civili.

Permezz tat-testment datat 13 ta' Frar 2015, Cetta Chircop innominat bhala werrieta taghha lil Josephine Dimech, obbligathom jikkonferixxu lura fil-massa ereditarja dak soggett ghall-kollazzjoni, u ddikjarat ukoll li s-self li hi u zewgha kienu hadu kien saldat u li l-artijiet li nxtraw f'Haz-Zebbug fil-fatt kienu jappartjenu lilha u lil zewgha.

Illi ntalab li t-testment ta' Cetta Chircop ippublikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, minhabba li ma jidhirx li gie ppubblikat fil-prezenza ta' zewg xhieda u f'kull kaz huwa nieqes minn htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita` tieghu. Ghalhekk, qed jigi rikjest li jigi dikjarat, li l-imsemmi testment huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita` tieghu, konsegwentement null u ma jiswiex.

**<u>Eccezzjoni preliminari ghat-talba rikonvenzjonali:</u>**

Illi l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba tinsab irtirata mill-avukat difensur tal-attrici rikonvenuta, kif jirrizulta mill-verbal datat 14 ta' Lulju 2016. Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

**<u>Nuqqas ta' Interess Giuridiku</u>**

Illi gie eccepit preliminarjament li l-azzjoni rikonvenzjonali ta' Pasqualino Chircop hija intempestiva *stante* li m'ghandux l-interess guridiku necessarju biex jippromwovi tali azzjoni fid-dawl tat-tieni eccezzjoni fir-risposta tieghu ghar-rikors odjern, fejn sostna li ghad irid jiddeciedi jekk jaccettax jew jirrinunzjax ghall-wirt ta' ommu, wara li din il-Qorti tiddeciedi dwar it-talba rikonvenzjonali.

Qabel xejn il-qorti tirreferi ghall-**artikolu 860 tal-Kodici Civili** skont liema r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta u tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku. Huwa pacifiku la ma saritx rinunzja formali mill-konvenut rikonvenzjonanti.

Illi skont l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghat-talba principali, huwa ghadu qed jiddelibera jekk ghandux jaccetta l-wirt jew le. Fil-kaz odjern, it-talba rikonvenzjonali timmira ghall-impunjazzjoni tal-validita' tat-tielet testment - prekondizzjoni essenzjali sabiex il-konvenut jiehu posizzjoni dwar l-eredita' in kwistjoni.

Kif inhu ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, purke' ir-rimedju konsegwenzjali huwa ottenibbli mill-Qorti.

Illi kif gie ribadit fil-kaz fl-ismijiet **Charles Axiak noe vs Onorevoli Dr. Fortunato Mizzi noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1952 (Vol. XXXVI.ii.532):

*"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata"*.

Illi fil-kaz odjern, id-dritt li qed jafferma il-konvenut rikonvenzjonant huwa d-dritt successorju tieghu naxxenti minn testment li hu jsostni li huwa null. Certament ghandu interess giuridiku biex jaghmel din it-talba, billi il-jeddijiet tieghu huma necessarjament preordinati fuq dikjarazzjoni gudizzjarja dwar il-validita' tat-testment imsemmi.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni eccezzjoni ghall-kontro-talba qed tigi michuda.

**<u>Mertu</u>**

Illi fil-mertu, gie eccepit, li t-talba ta' Pasqualino Chircop hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li din it-talba hija minghajr fundament guridiku. Inoltre`, gie sostnut, li t-testment ippubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa validu fil-ligi. Di piu`, gie sottomess, li ma giex

indikat  x'inhuma l-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita` tat-testment.

**Konsiderazzjonijiet marbutin mat-talbiet rikonvenzjonali.**

Illi permezz tal-Kontro-Talba tieghu, il-konvenut qed jimpunja l-validita' tat-testment *unica charta* modifikatorju datat it-13 ta' Frar 2015. Il-kaz imressaq mill-konvenut huwa ppernjat fuq in-nuqqas tal-formalitajiet rikjesti *ad validitatem* mil-ligi ghall-validita' ta' testmenti. Il-konvenut jaghmel riferenza partikolarment ghall**-artikolu 40 (1) (e) tal-Kap 55 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili** (Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-artikolu **655 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

F'dan il-kuntest, issir referenza ghall-**artikolu 655 tal-Kodici Civili** li jiddisponi:

*"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, it-testment pubbliku ghandu jircevih u jippubblikah nutar quddiem zewg xhieda, bhal kull att nutarili iehor, taht id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll ghal dak li hi l-firma tat-testatur skont jekk dan ikunx jaf u jista' jikteb, jew le*."

L-**artikolu 672 tal-Kodici Civili** jipprovdi li n-nuqqas ta' tharis tal-formalitajiet li jissemmew fl-Artikolu 655 u ohrajn jaghmel it-testment null.

L-**artikolu 40 tal-Kap 55** jistipula li:

*"Att notarili huwa null jekk :.....*

*e) il-htigijiet tal-artikoli 25 (1), (2), (3), (4), u (5), 27, 28 (1) (k) u 34 ma jkunux gew imharsa."*

Illi l-**artikolu 25 tal-Kap 55** jipprovdi:

*"25. (1) F'dan l-Att, "parti" tirreferi ghal dik il-persuna li tkun parti fin-negotium li huwa inkorporat fl-att u, f'kaz ta' testment, ghat-testatur, u "komparenti" tfisser il-persuna li tidher quddiem nutar jew bhala parti jew bhala rapprezentanta/nt jew agent ta' parti.*

*(2) In-nutar ma jistax jircievi att nutarili hlief fil-prezenza tal-komparenti.*

*(3) Il-prezenza ta' zewg xhieda hija mehtiega biss fil-kazijiet li gejjin:*

*a) kull meta titlob hekk xi wahda mill-komparenti*
*b) kull meta xi wiehed mill-komparenti ma jafx kif jew ma jkunx jista' jiffirma ismu*
*c) <u>f'kaz ta' testmenti pubblici; u</u>*
*d) f'kaz ta' att nutarili ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti.*

*(4) Hu dmir tan-nutar li jiddirigi l-kompilazzjoni tal-att mill-bidu sat-tmiem, ukoll fil-kaz li jaghtih biex thejjih persuna ta' fiducja tieghu.*

*(5) Lin-nutar wahdu jmiss li jara x'inhi l-volonta` tal-komparenti u li jistaqsi wara li jkun qralhom u fissrilhom l-att, jekk dan hux skont il-volonta` taghhom."*

Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda r-rekwiziti tas-subartikolu (3) tal-Kap 25, liema subartikolu jesigi l-prezenza ta' zewg xhieda fil-kaz ta' testmenti pubblici, u dan *ad validitatem,* irid jigi mistharreg jekk fil-kaz in ezami dan kienx il-kaz, u cioe` kienx hemm zewg xhieda prezenti ghat-testment datat 13 ta' Frar 2015. Kif jirrizulta mill-provvedimenti tal-ligi, il-formalitajiet rikjesti rigward ix-xhieda u l-firem tax-xhieda huma rekwiziti *ad validitatem* ghall-validita` ta' testment.

Illi huwa manifestament car mir-rizultanzi fattwali kif emergew f'dan il-kaz, li l-ilment principali mressaq f'din il-kontro-talba u li abbazi taghha qed tigi kkontestata l-validita` tat-testment, jitratta l-fatt li fil-hin tal-qari u meta gie ffirmat l-imsemmi testment, ma kienx hemm zewg xhieda prezenti jew almenu x-xhieda mhumiex rettament identifikabbli.

Huwa pacifiku li l-oneru tal-provu huwa fuq min qed jallega in-nonosservanza tal-formalitajiet rikjesti bil-ligi.

Fil-kaz odjern, jirrizulta minn KG1 (fol 62 et seq) li t-tielet testment gie redatt, skont kif iddikjara n-Nutar, li dak iz-zmien kien ufficjal pubbliku, quddiem ix-xhieda Saviour Azzopardi, impjegat, bin Mary Rose nee Galea, imwieled Sliema fil-5 ta' Awwissu, 1953, u residenti Mosta, b'Karta ta' Identita` 147653(M) u Joseph Muscat, impjegat, bin Mario u Phyllis nee Borg, imwieled Pieta` fit-22 ta' Marzu 1973 u

residenti 13, Triq Harufa, Qormi, b'karta ta' Identita` 342473M.

Illi xehed **Victor Bonnici** li qal li l-Karta tal-Identita` tieghu huwa numru 939447 M hu huwa registrat fuq l-indirizz 13, Triq Harufa, Qormi. Qal li ilu jabita f'dak l-indirizz xi 48 sena. Ma kienx jaf lil Joseph Muscat u lanqas qatt ma kien xhud fuq testment f'Tas-Sliema. Dan l-indirizz gie wkoll ikkonfermat minn martu Antoinette Bonnici.

Xehed ukoll **Silvan Pace** li proprju ghandu l-karta tal-Identita` bin-numru ccitata fit-testment li tappartjeni allegatament lix-xhud tat-testment Joseph Muscat. Silvan Pace wera l-karta tal-Identita` tieghu lill-Qorti li kkonstatat li n-numru huwa 342473M. L-indirizz tieghu huwa 13, Omega Court, Flat 2, Triq Ananija, San Pawl il-Bahar. Dan ix-xhud qal li qatt ma mar Tas-Sliema biex jaghmilha xhud ta' testment. Lanqas jaf lin-Nutar Pierre Falzon.

L-attrici pproduciet iz-zewg persuni Joseph Muscat u Francis Azzopardi biex jixhdu. Madnakollu z-zewg xhieda kkonfermaw bil-gurament taghhom, li ma kinux prezenti bhala xhieda ghat-testment Dok KG1 li sar fir-residenza tad-defunti konjugi Chircop f'Tas-Sliema. Meta muri l-firma tieghu Joseph Muscat ikkonferma li dik mhijiex il-firma tieghu. Huwa wera l-karta tal-identita` tieghu fejn hemm il-firma tieghu, liema firma ma taqbilx ma' dik indikata fit-testment. Dok KG1. Francis Azzopardi wkoll, xehed li qatt ma kien prezenti ghal dan it-testment, ghalkemm kien prezenti bhala xhud ghal testmenti ohra precedentement. Inoltre, Francis Azzopardi wkoll, ma kkonfermax il-veracita`

tal-firma tieghu kif indikata fit-testment in kwistjoni. Inoltre`, rigward, Azzopardi, fl-istralc tal-istess testment esebit mar-rikors promotur, hemm indikat S. Azzopardi mhux F. Azzopardi. *Di piu`*, m'hemmx qbil bejn il-persuni indikati bhala xhieda u l-indirizzi u n-numru tal-karta tal-identita` taghhom.

Ghaldaqstant, jirrizulta inekwivokalment li ghal dak li jirrigwarda x-xhieda fuq it-testment datat 13 ta' Frar 2015, kien hemm fabrikazzjoni tad-dettalji u tal-firem tax-xhieda indikati li mhumiex veritieri u ma jirreferux ghall-persuni identifikabbli. Dan *stante* li r-residenza dikjarata ta' xhud hija okkupata minn persuna ghal kollox estranea ghat-testment, min-naha wahda, u n-numru tal-karta tal-identita` dikjarata ghax-xhud l-iehor jirreferi ghall-persuna totalment differenti. Effettivament ix-xhieda dikjarati fit-testment ma jistghux jigu identifikati bil-mezzi ta' identifikazzjoni ufficjali, senjatament, il-karta tal-Identita`billi din tappartjeni lil haddiehor. Tant li anke t-tentattiv tar-rikorrenti meta ressqet liz-zewg xhieda bl-ismijiet Joseph Muscat u Francis Azzopardi, falla billi dawn lanqas ikkonfermaw il-firem taghhom u sahansitra cahdu li qatt attendew fuq testment ippubblikat f'Tas-Sliema.

Mhux biss imma **Joseph Rivans** in rapprezentanza ta' Identity Malta, xehed li n-numru tal-Karta tal-Identita` numru 147653M, (indikata fit-testment bhala appartenenti lix-xhud Saviour Azzopardi) jirreferi ghall-Bugeja Pawla u li Karta tal-Identita` b'dak in-numru ma tezistix.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi inkonfutabbli, ix-xhieda tan-Nutar Pierre Falzon ma tistax titqies verosimili, meta sostna

li ltaqa’ ma’ zewg haddiema barra d-dar tar-residenza tat-testaturi, hallihom barra jistennew sakemm sejhilhom waqt il-qari tat-testment bhala xhieda.

L-argument tal-avukat difensur tal-attrici fit-trattazzjoni, li l-ligi tirrikjedi biss zewg xhieda u mhux id-dettalji taghhom, huwa fallaci u ma jregix. Illi r-raguni tar-rekwizit u l-htiega tax-xhieda f’testmenti pubblici, hija bbazata u ppernjata primarjament fuq il-kredibilta` u l-fiducja li ghandha tinghata lill-dokument pubbliku. Altrimenti r-rekwizit tal-prezenza *ad validitatem* ta' zewg xhieda jingieb fix-xejn f'kaz bhal dan odjern billi altrimenti l-prezenza ta' xhieda tista' tigi fabbrikata.

Huwa proprju ghalhekk, li n-Nutar ghandu d-dmir jivverifika l-identita` tax-xhieda mal-Karta tal-Identita` taghhom, sabiex jaccerta ruhu mill-veracita` tal-identita` taghhom. Difatti, fix-xhieda tieghu, n-Nutar Pierre Falzon, sostna li hu ma rax il-Karta tal-Identita` tax-xhieda, u nizzel id-dettalji li qalulu verbalment. Dan ikompli jixhet dubbji serji dwar il-veracita` kollha ta’ dak indikat ghar-rigward tax-xhieda f’dan it-testment. Ghalkemm, Josephine Dimech sostniet fix-xhieda taghha li rat zewgt irgiel, meta hija fethet il-bieb tar-residenza tal-ginituri taghha, u ppruvat tipproduci xhieda, dan ma jinsabx korroborat bil-provi prodotti.

Anzi, din il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda gew kompletament falsifikati. Kull ma hemm biex jikkorrobora t-tezi tal-attrici li kien hemm xhieda presenti hija x-xhieda *viva voce* tan-Nutar Falzon, illum sfiducjat u li m'ghandux izjed il-*warrant* ta' Nutar, u l-kelma taghha. It-testaturi mhumiex hajjin biex

jizmentixxu jew jikkorroboraw, jekk jistghu, il-verzjoni taghha. Fic-cirkostanzi, dan il-kaz jirraprezenta *prima facie,* kaz ta' fabbrikazzjoni ta' dokument pubbliku li ghandu jigi investigat mill-awtoritajiet ikkoncernati.

Illi *stante* li ma jirrizultax li kien hemm xhieda identifikabbli kif rikjest fid-disposizzjonijiet tal-ligi fuq citati, dan it-testment huwa karpit b'difetti radikali u kwindi huwa null.

Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fit-trattazzjoni, mill-avukat tal-attrici, li ladarba jirrizulta li hemm element essenzjali nieqes ghall-validita` ta' dan it-testment, dan jimmina l-fiducja pubblika, li hija tant importanti fil-professjonali nutarili, specjalment meta hawnhekk *si tratta* ta' testment, fejn it-testaturi m'ghadhomx hajjin biex jikkonfermaw jew jiddibattu dak li tnizzel fit-testment.

Hawnhekk, tajjeb jigi affermat li l-kuntratti pubblici, u aktar u aktar it-testment, fejn it-testatur jinsab defunt ghalhekk, ma jistax jixhed dwar il-veracita`, jehtigilhom ikunu atti nutarili li jirriflettu bis-shih il-fiducja pubblika. Fil-kaz **Victoire Muliet vs Jean Karl Farrugia**, deciz mill-Prim' Awla (7/2017) (JZM) fit-30 ta' Jannar 2018 inghad:

*"Il-funzjoni tan-Nutar Pubbliku Malti hija doppja: dik ta' ufficjal pubbliku fejn in-Nutar handu l-funzjoni illi jaghti fidi pubblika lill-atti jew dokumenti li jidderigi u li jircievi u dik ta' professjonist liberu u independenti, li ghandu responsabbilta` lejn il-partijiet li jkunu talbu s-servi tieghu u jkunu allura partecipi fl-att notarili minnu redatt."*

Illi kompla jinghad f'dan il-kaz:

*"Il-funzjoni pubblika u l-funzjoni ta' libero professionista ta' nutar pubbliku ma tistax tigi separata u tali dottrina hija ormai accettata minn diversi guristi prominenti Taljani fosthom Vincenzo Baratta li jghid: 'Se si considera l'attivita` professionale di consulente di diritto separate da quella insita nella pubblica funzione, non si ha attivita` di notaio, cosi come non e' notarile l'esercito della pubblica funzione se non e` diritta a formare il negozio regolaatore di legittimi interessi patrimoniali delle parti.* "(Baratta Vincenzo, Riv.Notar., 1955, p101, in "Novissimo Digesto Italiano" p.359).

Kompla jinghad hekk:

*"Il-funzjoni pubblika tan-nutar pubbliku ggib maghha responsabbiltajiet li jaqghu taht l-isfera pubblika regolati mill-kapitolu 55 tal-ligijiet ta' malta. Jekk nutar pubbliku ma josservax il-forma li biha huwa ghandu jidderigi l-atti notarili kif ukoll il-proceduri preskritti, allura jkun qed jivvjola dan l-Att, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal pubbliku."* (Ara wkoll **Carmel Galea et vs Nutar Pubbliku Dott. Pierre Falzon**, Qorti tal-Appell deciza fid-9 ta' Ottubru 2009."

Tajjeb jigi affermat ukoll li z-zewg partijiet f'dan il-kaz, anke permezz tas-sottomissjonijiet fit-trattazzjoni, jidher li strahu fuq il-punt tal-validita` formali tat-testment. Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-kapacita` testamentarja tat-testaturi.

Ghaldaqstant, ser tghaddi biex tilqa' it-talba rikonvenzjonali billi tqies li t-testment datat 13 ta' Frar 2015 huwa null abbazi tan-nuqqas tal-validita` formali rikjesta mil-ligi, kif diga fuq spjegat.

Ghal dak li jirrigwarda l-hames eccezzjoni fejn gie eccepit li ma nghatax hjiel ta' x'inhuma l-htigijiet rikjesti bil-ligi ghall-validita` tat-testment, jirrizulta mill-assjem tal-provi u mill-argumenti fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, li l-konvenut qed jagmel referenza ghar-rekwizit essenzjali tal-prezenza ta' zewg xhieda f'testment pubbliku. Dan jirrizulta wkoll li hu rikjest fil-ligi permezz tad-disposizzjonijiet tal-ligi sucitati. Ghalhekk, zgur, li m'hemmx lok, ghal aktar elaborazzjoni, fuq din l-eccezzjoni .

**Ghalhekk, tichad il-hames eccezzjoni tal-attrici.**

**Konsegwentement, fid-dawl tal-konsiderazzjoni suesposti, tichad ukoll it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet fir-risposta tal-attrici.**

Huwa minnu li jirrizulta, li t-testment in kwistjoni gie registrat, (kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji esebiti). Izda r-registrazzjoni, rikjesta bil-ligi, ma tissanax att li huwa null u lanqas hija prova tal-veracita` tal-kontenut tal-istess testment. Hija biss formalita' ohra rikjesta ghal testmenti pubblici.

**Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-intimat, u in segwitu tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-istess Kontro-Talba.**

## III. <u>KONKLUZJONI:</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata ghall-Kontro-Talba ghar-ragunijiet spjegati, **tilqa' t-talba** tal-intimat rikonvenzjonant u tiddikjara u tiddeciedi li t-testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015 huwa nieqes minn htigijiet essenzjali mehtiega ghall-validita' tieghu, u konsegwentement null u ma jiswiex.

Tordna li ssir komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir l-investigazzjoni mehtiega kontra l-attrici Josephine sive Joyce Dimech u kontra l-ex Nutar Pierre Falzon ghall-falsifikazzjoni ta' testment pubbliku u cioe` tat-testment ta' Cetta Chircop pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-13 ta' Frar 2015.

**L-ispejjez jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2019**